BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

9 ta` Ottubru 2013

**ĦARĠA NRU. 6/2013**

**ĠUNJU 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Ġunju 2013.

**Depożiti ta' residenti f'Malta**

F'Ġunju, id-depożiti ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu bi €63.1 miljun, jew b'0.7% (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 5.7%, minn 4.4% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€55.0 miljun, jew b'1.0%, matul ix-xahar minħabba żieda fil-bilanċi tal-individwi u, fi grad inqas, fil-bilanċi tal-kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti aċċellerat għal 11.0% minn 10.6% f'Mejju.

Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas żdiedu bi €8.6 miljun, jew b'0.2%. Dan seħħ minħabba żieda fil-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u tal-individwi, li għelbet tnaqqis fil-bilanċi ta' kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji. Minħabba f'hekk, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas naqsu b'rata annwali ta' 0.5% f'Ġunju, meta mqabbel ma' tnaqqis annwali ta' 2.8% fix-xahar ta' qabel. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas naqsu b'€0.4 miljun, jew b'0.4%, hekk kif naqsu l-bilanċi tal-individwi.

**Kreditu mogħti lil residenti f'Malta**

F'Ġunju, il-kreditu mogħti minn IFM residenti f'Malta lil residenti f'Malta naqas marġinalment b'€1.5 miljun, meta mqabbel max-xahar ta' qabel. F'termini annwali, it-tkabbir tal-kreditu niżel għal 0.7% minn 1.0% f'Mejju (ara Grafika 2).

It-tnaqqis bejn Mejju u Ġunju seħħ minħabba tnaqqis ta' €5.1 miljun fi kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali. B'mod partikolari, kien hemm tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji li joperaw fl-industrija tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi tal-ikel u fl-industrija tal-elettriku, gass, *steam* u l-arja kkundizzjonata. Flimkien dawn pattew għal żieda fis-self mogħti lill-individwi, partikolarment għalll-iffinanzjar ta' xiri tad-djar. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali naqset għal 0.2% minn 0.5% f'Mejju.

B'kuntrast għal dan, il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied bi €3.6 miljun, jew b'0.1%, matul ix-xahar hekk kif żieda fil-portafoll tal-banek ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

pattiet għal tnaqqis fl-ammont ta' *bills* tat-Teżor miżmuma minnhom. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali battiet għal 2.3% minn 2.8% x-xahar ta' qabel.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu b'€592.5 miljun, jew b'4.9%, f'Ġunju minħabba tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin li għeleb b'mod sostanzjali tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (ara Tabella 1).[1] It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin prinċipalment irrifletta tnaqqis fil-kreditu mogħti lil residenti barranin. It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet irriżulta minn tnaqqis fis-self barrani minn banek residenti. Ċaqliq kbir fl-assi u fl-obbligazzjonijiet barranin ta' spiss jirriżulta minn transazzjonijiet transkonfinali ta' banek internazzjonali li joperaw minn Malta. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti nbidlet f'waħda negattiva u niżlet għal -1.2% minn 7.1% f'Mejju.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]**

F'Ġunju, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha ta' individwi u ta' kumpaniji mhux finanzjarji Maltin baqgħet l-istess għar-raba' xahar konsekuttiv, jiġifieri 1.43%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM residenti f'Malta fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta żdiedet b'punt bażi għal 4.33%.

Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet żewġ punti bażi iktar, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet żewġ punti bażi inqas.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€84.6 miljun, jew b'0.8%, f'Ġunju għal €10.7 biljun (ara Tabella 2). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 7.2% minn 6.7% x-xahar ta' qabel.

Żviluppi fl-M3 matul ix-xahar seħħew minħabba ċaqliq fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'€84.9 miljun, jew b'0.8%. F'Ġunju, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 telgħet għal 7.5% minn 7.3% x-xahar ta' qabel.

L-aggregat monetarju ristrett (M1), li jagħmel parti mill-M2, żdied b'€41.9 miljun, jew b'0.7%, minħabba żieda fid-depożiti *overnight.* Dawn żdiedu bi €42.3 miljun, jew b'0.8%, wara żieda fil-bilanċi miżmuma l-aktar minn individwi u kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, il-flus maħruġa, il-komponent l-ieħor tal-M1, naqsu b'€0.4 miljun. Ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 telgħet għal 9.4% f'Ġunju, minn 9.3% f'Mejju.

Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas, li wkoll jagħmlu parti mill-M2, żdiedu bi €43.4 miljun, jew b'1.1%, hekk kif żdiedu b'mod sinifikanti l-bilanċi tal-kumpaniji

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

privati mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas naqsu b'€0.4 miljun, jew b'0.4%. Dan seħħ primarjament minħabba tnaqqis fil-bilanċi tal-individwi.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lil residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas b'€545.6 miljun, jew bi 3.5%, matul ix-xahar minħabba tnaqqis fil-kreditu mogħti lir-residenti barra l-gvern ġenerali. B'riżultat ta' dan, il-kreditu naqas b'rata annwali aktar mgħaġġla ta' 3.7% f'Ġunju, wara tnaqqis ta' 0.8% f'Mejju.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied marġinalment b'€1.9 miljun. Min-naħa l-oħra, il-kreditu lil residenti oħra naqas b'€547.4 miljun, jew b'4.7%. It-tnaqqis kien evidenti l-aktar fil-kreditu mogħti lil residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro, partikolarment fl-ammonti miżmuma minn IFM residenti ta' titoli maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'€1.1 biljun, jew b'9.1%. Dan irrifletta żieda fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin, fil-forma ta' depożiti miżmuma minn residenti barra ż-żona tal-euro, flimkien ma' tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin, l-aktar fil-forma ta' self mogħti minn IFM residenti lil min jissellef barra ż-żona tal-euro.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, naqset b'€1.7 biljun, jew b'10.2%, matul ix-xahar prinċipalment minħabba tnaqqis f'obbligazzjonijiet oħra (netti). Dan seħħ l-aktar minħabba transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u banek residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal naqsu b'€549.7 miljun, jew b'4.5%, minħabba tnaqqis fl-ishma u kapital ieħor. Bl-istess mod, tnaqqis fid-depożiti tal-gvern naqqas l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali b'€71.5 miljun, jew b'9.4%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Ġun-13 | Mej-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ġun-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Ġun-13 | Mej-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,151.3** | **9,088.2** | **63.1** | **0.7** | **8,661.9** | **5.7** | **4.4** |
| Depożiti *overnight* | 5,422.5 | 5,367.5 | 55.0 | 1.0 | 4,885.0 | 11.0 | 10.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 113.0 | 113.4 | -0.4 | -0.4 | 144.2 | -21.6 | -17.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,615.8 | 3,607.3 | 8.6 | 0.2 | 3,632.6 | -0.5 | -2.8 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,171.5** | **11,173.0** | **-1.5** | **0.0** | **11,097.3** | **0.7** | **1.0** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,505.8 | 2,502.2 | 3.6 | 0.1 | 2,450.4 | 2.3 | 2.8 |
| Self lil setturi oħra | 8,665.7 | 8,670.8 | -5.1 | -0.1 | 8,646.9 | 0.2 | 0.5 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,611.7** | **12,204.2** | **-592.5** | **-4.9** | **11,755.7** | **-1.2** | **7.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 44,087.9 | 44,805.0 | -717.0 | -1.6 | 43,483.4 | 1.4 | 2.8 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 32,476.2 | 32,600.7 | -124.5 | -0.4 | 31,727.7 | 2.4 | 1.3 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1][2]

*EUR miljuni*

| | Ġun-13 | Mej-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ġun-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Ġun-13 | Mej-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[3]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,319.0** | **6,277.2** | **41.9** | **0.7** | **5,778.4** | **9.4** | **9.3** |
| Flus maħruġa[4] | 732.4 | 732.8 | -0.4 | 0.0 | 717.4 | 2.1 | 1.9 |
| Depożiti *overnight*[5] | 5,586.6 | 5,544.4 | 42.3 | 0.8 | 5,061.1 | 10.4 | 10.4 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,537.3** | **10,452.5** | **84.9** | **0.8** | **9,804.4** | **7.5** | **7.3** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,319.0 | 6,277.2 | 41.9 | 0.7 | 5,778.4 | 9.4 | 9.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[5] | 113.0 | 113.5 | -0.4 | -0.4 | 146.3 | -22.7 | -17.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[5] | 4,105.2 | 4,061.8 | 43.4 | 1.1 | 3,879.6 | 5.8 | 5.1 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,732.0** | **10,647.4** | **84.6** | **0.8** | **10,014.0** | **7.2** | **6.7** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,537.3 | 10,452.5 | 84.9 | 0.8 | 9,804.4 | 7.5 | 7.3 |
| Titoli negozjabbli[6] | 194.7 | 195.0 | -0.3 | -0.1 | 209.6 | -7.1 | -17.1 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,069.3** | **15,614.9** | **-545.6** | **-3.5** | **15,644.6** | **-3.7** | **-0.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,989.8 | 3,987.9 | 1.9 | 0.0 | 4,177.0 | -4.5 | -6.5 |
| Self lil setturi oħra | 11,079.6 | 11,627.0 | -547.4 | -4.7 | 11,467.6 | -3.4 | 1.3 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **10,536.7** | **11,589.3** | **-1,052.6** | **-9.1** | **10,819.2** | **-2.6** | **12.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 34,047.4 | 34,358.4 | -311.0 | -0.9 | 33,711.7 | 1.0 | 2.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,510.7 | 22,769.1 | 741.6 | 3.3 | 22,892.4 | 2.7 | -2.3 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,874.0** | **16,556.8** | **-1,682.8** | **-10.2** | **16,449.8** | **-9.6** | **3.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 688.4 | 759.8 | -71.5 | -9.4 | 791.2 | -13.0 | 25.2 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,788.9 | 12,338.5 | -549.7 | -4.5 | 12,162.4 | -3.1 | 3.2 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 2,396.8 | 3,458.4 | -1,061.7 | -30.7 | 3,496.3 | -31.4 | -1.1 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

[2] Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

[3] Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

[4] Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

[5] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

[6] Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.